Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/26*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Frar, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa għal raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud għandha tiġi skużata.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-25

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Financial Statements 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv kien qassam id-dokument tal-Financial Statements 2014 ippreparat minn JCA Ltd lill-membri kollha. Il-Kunsill iddiskuta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill u innota b'sodisfazzjon li d-dejn kien eliminat. Il-Kunsill qabel li matul din is-sena li għadha kif bdiet għandu joqgħod attent sabiex ma jerġax ikun hemm żbilanċ. Il-Kunsill m'għandux jidħol għall-proġetti kapitali kbar. Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements 2014. Dawn l-statements għad jistgħu ikunu aġġustati mill-udituri tal-Gvern peress li għad irid isir l-awditjar fil-ġimgħat li ġejjien.

## 4. Ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

Kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill iż-żgħażagħ li applikaw sabiex jinħatru bħala Ambaxxaturi għaż-Żgħażagħ ġew mistiedna jattendu għal din il-laqgħa.

Matthew Attard u Maria Zammit kienu preżenti u irringrazzjaw lill-Kunsill tal-opportunita li kien qed jagħtihom. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzjahom tal-interess tagħhom biex jinħatru bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. Kif kienu diġa infurmati illum il-Kunsill ried jagħżel żagħżugħ/a wieħed/a u għalhekk ġie deċiż li jittella' isem xi ħadd minnhom bix-xorti. Saret il-polza li tellagħha Mario Mizzi l-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ li kien qed itemm it-terminu tiegħu. Is-Sindku f'isem il-Kunsill irringrazzja wkoll lil Mario Mizzi tax-xogħol siewi li għamel bħala l-ewwel Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ il-ġdid ser ikun Matthew Attard. Is-Sindku u l-Kunsillieri awguraw lil Matthew Attard filwaqt li irringrazzjaw lil Maria Zammit. Mario Mizzi feraħ lil Matthew Attard u offrielu l-għajnuna tiegħu fejn ikun meħtieġ.

## 5. Korrispondenza

5.01 Joe Attard ta' Greenmt bagħat il-ftehim dwar il-ġbir ta' skart riċiklabli u anke l-ħlas dovut dwar admistration fees bejn Settembru 2011 u Diċembru 2012. Dan il-ftehim diġa kien approvat mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jiġi iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dan il-ftehim ikopri sentejn jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2016.

## 6. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-26 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 7. Materja oħra

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar ħajt fi Triq iż-Żebbuġ fl-inħawi fejn hemm iċ-Ċimiterju li waqa' peress li kien hemm ħsara fil-main tal-ilma u anke bil-maltemp ta' dan l-aħħar. Dan il-ħajt qiegħed perikoluż u għalhekk importanti li jitranġa fl-iqsar żmien possibbli. Peress li din it-triq hija arterjali u għalhekk responsbilta tal-Gvern Ċentrali s-Segretarju kien ikkuntattja lil Anton Debono (CMU) sabiex jiġi ikkordinat ix-xogħol li hemm bżonn isir. Il-Kunsill qabel li jordna l-ġebel li hemm bżonn filwaqt li ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tas-CMU. It-taħmil ser isir mill-Kuntrattur Anton Mintoff.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li reġa' daħlu ilmenti dwar Triq Wied l-Għasri l-parti n-naħa t'isfel peress li qed iżomm ħafna ilma u vetturi ma jistgħux jgħaddu. Ir-raħħala ma jistgħux jidħlu jaħdmu r-raba' tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa l-iskart (terrapien) li hemm u b'hekk l-ilma tax-xita jibqa' niżel fil-wied. Il-Kunsill qabel ukoll li l-parti ta' fuq ta' Triq Wied L-Għasri tkompli titwitta permezz taż-żrar u ramel kif diġa saret parti minnha. Ix-xogħol kollu imsemmi ser isir mill-Kuntrattur Anton Mintoff.

7.03 Is-Sindku ippropona sabiex isir pjan ta' proġetti li jistgħu isiru biex meta joħorġu applikazzjonijiet tal-EU jew skemi speċjali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali inkunu nistgħu naplikaw. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk is-Sindku se jikkuntattja lill-Perit biex isiru l-applikazzjonijiet mal-Mepa.

7.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fi Triq Wied Sara fejn hemm il-gandott għall-ilma tax-xita kien ċeda parti minnhu u kien perikoluż. Peress li kellu isir xogħol b'emerġenza biex jitneħħa l-periklu s-Segretarju Eżekuttiv

kien avża lill-Kuntrattur Anton Mintoff biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ u jitneħħa l-periklu. Ix-xogħol sar u b'hekk tneħħa kull periklu li kien hemm.

7.05 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li kien ikkuntattja lis-sidien tal-blokka bini li hemm fi Triq il-Knisja (Vecca Village) u infurmahom dwar il-problema li kien hemm dwar il-ġbir ta' skart. Il-Kunsill kien iddiskuta din il-problema fl-aħħar laqgħa. Il-Viċi Sindku qal li s-sid qallu li se jagħmel fejn idendlu l-iskart u b'hekk tissolva din il-problema.

7.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li peress li issa għandna l-ftehim ma' Greenmt biex jiġbru l-iskart riċiklabbli inkluż il-ħġieġ, il-Bring in Sites li hemm fi Triq il-Fanal jistgħu jitneħħew. Is-Sindku qal li l-ilmenti dwar skart li qed jintefa' madwar il-BIS ma waqfux u anke ġie rapportat diversi drabi li qed ikun hemm ħafna ġrieden u insetti. Il-Kunsill qabel li ngħidu lill-Kuntrattur Anton Mintoff sabiex ineħħi dawn il-BIS u jitneħħa s-siment ta' taħthom. Il-Kunsill qabel li nibgħatu avviż lir-residenti biex ninfurmawhom dwar dan it-tibdil.

7.07 Francis Portelli ta' Triq Wied Sara talab li tiġi installata lampa ġdida fl-istess triq peress li hija mudlama. Huwa qal li l-ispejjeż tal-lampa se jħallashom huwa stess. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li teħel din il-lampa u għalhekk ser issir l-applikazzjoni mal-Enemalta.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.15p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |